**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 597 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Mohamad Hamed Mohamad**

Illum 25 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Mohamad Hamed Mohamad, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 254360 A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fl-11/09/2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f' dawn il- Gzejjer ta' Malta, bil-hsieb illi jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta' parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li sew f' Malta sew barra minn Malta kkongura f' dak is-sens ma xi persuni ohra, u dan bi ksur tal-Kap 9 Art. 337 A tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi ghen jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f' Malta, jew li toqghod gewwa Malta,

kontra d disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir residenza u l-hrug ta' dak I-Istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew, ghax tahseb, li tkun qieghda f' Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l Att bi ksur tal-Kap 217 Art. 32 (1 A) tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz, u dana bi ksur ta' l-artikolu 188 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iddenunzja lill-Awtoritajiet rispettivi u cioe' lil Pulizija ta' Malta reat liema reat taf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dana bi ksur ta' l-artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Il-Qorti giet mitluba sabiex, f' kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 337 A, 188 (1) , 110 (2) u 17 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 32 (1) (a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Mohamad Hamed Mohamad hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal perijodu ta' tlett (3) snin prigunerija.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fic-charge sheet fejn il-Qorti giet mitluba sabiex, f' kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal Ligijiet ta' Malta, il-Qorti cahdet tali talba stante li ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mohamad Hamed Mohamad,ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Settembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata sakemm u safejn din sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet relattivi, tvarjaha billi timponi piena inqas harxa minn dik erogata mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) hija wisq harxa.

Illi in linea ta' sfond, tajjeb wiehed jiftakar li l-Artikolu 337A tal-Kodici Kriminali gie introdott permezz tal-Att III tal-2002.

Illi fit-tezi titolata "Maltese Criminal Law on Human Trafficking – Recent Legislative Developents in the International Context" tal-2011, l-Avukat (illum Magistrat) Dr Lara Lanfranco ezaminat, inter alia, l-Att III tal-2002 u rreferiet ghad-dibattitu parlamentari tas-6 ta' Marzu 2002. Hija tikkwota lill-Avukat Dr Tonio Borg, li f' dak iz-zmien kien il-Ministru responsabbli mill-Intern:

> *"Mr Chairman, this new clause is being introduced in the light of the Palermo Convention and its two protocols. On the 15th December of the year 2000 the Government of Malta signed the UN Palermo Convention against transnational organised crime as well as the two protocols attached to it. The first protocol goes counter to trafficking of women and children for purposes of prostitution, slavery or human organs, and the second protocol*

*goes counter to illegal smuggling and the exploitation of illegal immigrants."*

Illi Lanfranco targumenta li kien necessarju li wiehed jintroduci l-Artikolu 337A partikolarment fid-dawl tal-United Nations Convention Against Transnational Organised Crime, liema konvenzjoni Malta kienet iffirmat.

Illi dan juri li l-Artikolu 337A gie introdott bil-hsieb li Malta tkun f' pozizzjoni ahjar li tikkumbatti t-traffikar tal-bnedmin bhala reat fuq skala kbira kommess minn xi intrapriza kriminali jew mill-kriminalità organizzata.

Illi l-istqarrija tal-appellant (fol. 8 et sequitur) turi car il-pozizzjoni tal-appellant. Huwa bniedem minghajr xoghol li kien essenzjalment jittallab ix-xoghol fil-qasam tal-kostruzzjoni. Minkejja dik li aktarx hija qaghda prekarja finanzjarja tieghu, huwa darbtejn irrezista li jbiegh id-dokumenti tieghu lil haddiehor. Kien biss wara haddiehor ghamillu proposta ghat-tielet darba f' temp ta' diversi xhur li fl-ahhar, huwa accetta li jbiegh id-dokumenti tieghu lil haddiehor ghal hames mitt Ewro (€500.00) .

Illi fl-istqarrija, l-appellant stess qal li kollettivament, hu u l-ko-abitanti tieghu fl-appartament f' Bugibba jhallsu lis-sid l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00) kull xahar. Dan ifisser li meta wiehed jinkludi *living costs* u forsi spejjez ohrajn, l-ammont ta' hames mitt Ewro kien se jservi lill-appellant inqas minn xahar.

Illi dan ghandu jwassal biex wiehed jistaqsi jekk bil-kelma "qliegh", l-Artikolu 337A jirreferix ghall-ammont mizeru ta' hames mitt Ewro (€500.00) li aktarx kien ser jigi minfuq kif spjegat jew jekk jirreferix ghal xi introjtu finanzjarju gholi u regolari ppercepit minn persuni li joperaw fi hdan xibka ta' kriminalità organizzata u li jittraffikaw il-persuni fuq livell professjonali. Certament li l-Artikolu 337A, li jfittex li japplika l-konvenzjoni relattiva tal-Gnus Maghquda, iktar ghandu fi hsiebu l-glieda kontra t-transnational organised crime milli r-rivittimizzazzjoni ta' povru third-country national bhall-appellant.

Illi minn dan kollu jidher car li l-appellant kien qieghed jaghmel dak li jista' sabiex jghix minn gurnata ghal ohra.

Illi ghalhekk, fil-verità, m' hemmx dubju li l-appellant mhuwiex hati ta' traffikar tal-bnedmin, u dan fis-sens li r-reat tat-traffikar tal-bnedmin huwa wiehed kumpless ghall-ahhar u mfisser, inter alia, fl-Artikolu 248E tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 337A jippresupponi sitwazzjoni fejn l-ghajnuna moghtija mill-appellant lil terzi sabiex jidhlu jew johorgu minn pajjiz bi ksur tal-ligijiet tal-pajjiz tkun ghajnuna moghtija fil-kuntest ta' traffikar tal-bnedmin fuq skala ta' kriminalità organizzata. L-Artikolu 337A ma kienx mahsub sabiex ikun punit bniedem bhalma hu l-appellant, jigifieri persuna f' qaghda vulnerabbli u li jista' facilment jigi sfruttat min haddiehor.

Illi meta waslet il-piena, l-ewwel qorti kellha tqis li ghalkemm l-Artikolu 337A tal-Kodici Kriminali ghandu nota mal-genb li tibda bil-kliem "*Traffiku fil-persuni…*", assolutament ma kienx hemm il-mens rea rikjesta. Fil-ktieb "**The International Law of Human Trafficking**", l-awtur **Anne T. Gallagher** tiddedika l-ewwel kapitlu ghat-tifsira tat-traffikar. Hija tghid li sabiex ikun hemm it-traffikar tal-bnedmin, iridu jikkonkorru tlett elementi, jigifieri l-azzjoni ("*recruitment, transportation, transfer, harbouring or receipt of persons*") , il-mezz ("*threat or use of force or other forms of coercion, of abduction, of fraud, of deception, of the abuse of power or of a position of vulnerability or of the giving or receiving payments or benefits to achieve the consent of a person having control over another person*") u l-iskop ("*purpose*") . Gallagher tispjega li l-iskop ("purpose") irid ikun l-isfruttament (exploitation) . Hija tirreferi ghat-travaux preparatoires tal-Organised Crime Convention and Protocols u tikkwota hekk: "*Exploitation shall include, at a minimum, the exploitation of the prostitution of others or other forms of sexual exploitation, forced labour or services, slavery or practices similar to slavery, servitude or the removal of organs.*"

Illi fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Frar 2021), liema sentenza giet ikkwotata fis-sentenza appellata, tajjeb li wiehed josserva li l-piena ta' sitta u tletin

(36) xahar f' dak il-kaz giet inflitta tenut kont tal-fatt li l-persuni meghjuna (ara d-dicitura tal-Artikolu 337A[1]) jkunu aktar minn tlieta (enfasi tal-appellant) . F' dan il-kaz, il-persuna meghjun kien bniedem wiehed biss.

Illi din l-Onorabbli Qorti kellha l-okkazjoni telabora dwar l-Artikolu 337A tal-Kodici Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **The Police vs. Yilmaz Azlan** (deciza fit-18 ta' Gunju 2019) li permezz taghha kkonfermat sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija. Anzi, f' dak il-kaz, Yilmaz Azlan kien ghamel gwadann ta' elf Ewro, u mhux hames mitt Ewro bhal fil-kaz tal-appellant odjern.

Illi ghalhekk, l-appellant huwa tal-umli fehma li l-piena li kellu jinghata kellha tkun inqas harxa.

Semghet lill-partijiet jitrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2021.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena fejn l-appellant ipprovda elenku ta' raġunijiet għalfejn hu għandu jibbenefika minn riduzzjoni fil-kwantum u varjazzjoni fil-kwalita' tal-piena mposta fuqu.

Illi dan huwa appell iffukat fuq il-quantum tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant wara li kienet reġistrata ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha ammessi mill-appellant. F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** [1]deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal issegwenti : -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min*

---

[1] Deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003

*jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

Kif imfisser tajjeb fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Jean Pierre Frendo</u>** [2]il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a)Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġiegħla tixtarr sew il-konsegwenzi t'għemilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li

[2] Deciza nhar id-29 ta' Settembru 2020.

tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll

minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'għemilu. F'dan is-sens allura l-**Carnelutti** jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Huwa għalhekk li f'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena, dil-Qorti, in kwantu Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena billi tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri imsemmija fil-Liġi, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) filkawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**[3]:
It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in **Blackstone's Criminal Practice 2004** (supra):

> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart*

[3] Deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005

*CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Din hija ukoll il-posizzjoni li qed tittiehed konsistentement minn dawn il-Qrati kemm fil-gurisdizzjoni  Superjuri kif ukoll dik Inferjuri.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri Ir-**<u>Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**,[4] din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-

[4] Deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005

test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** [5]fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> *Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science"*

u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor kif donnu qed jippretendi l-apellant fir-rikors tal-appell tieghu meta ghamel paragon mas-sentenza li inghatat fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Yilmaz Asian</u>** [6].

Il-ġurisprudenza ewlenija f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex terroga piena trid tieħu kont taċ-**ċirkostanzi kollha** [7]li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet

[5] Deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009
[6] Deciza nahr it-19 ta' Gunju 2019 minn din l-istess Qorti
[7] Enfasi ta din il-Qorti

kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

F'dan il-kaz l-appellant irregistra ammissjoni ghall-akkuzi serji li jikkrejaw instabilita fil-pajjiz billi ittenta jghin persuna johrog mill-pajjiz b'mod illegittimu u dan billi bieghlu l-passaport tieghu u wara mar jghamel rapport falz ghand il-pulizija esekuttiva li kien tilef il-passaport tieghu. Illi dawn it-tipi ta' reati qed jizdiedu u b'hekk hemm lok ta' aktar sigurta fil-postijiet ta' dhul u hrug tal-pajjiz bi spiza zejda ghall-errarju pubbliku. Illum bit-terrorismu jizdied madwar id-dinja reati bhal dawn huma ta' serjeta kbira u kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti imponiet piena karcerarja effettiva.

Din il-Qorti tqis li filwaqt li sitta u tletin (36) xahar prigunerija hija piena fil-parametri tal-ligi u ma tersaqx lejn il-massimu, tqis li gialadarba jirrizulta li l-appellant ikkopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni bikrija fejn jirrizulta mill-istqarrija tieghu li kien hemm persuni ohra involuti u fejn l-appellant ma kienx dak li jissejjah 'il-huta l-kbira', tqis li ghandha tvarja il-piena inflitta u filwaqt li tqis li piena karcerarja hija idonea fic-cirkostanzi tenut kont tal-gravita' tar-reati li taghhom instab hati, tqis izda li piena ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija hija aktar ekwa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Biex waslet ghat temperament tal-piena din il-Qorti rat l-atti tal-kawza u rat li l-appellant huwa *a first time offender* stante li fuq il-fedina penali tieghu ma ghandu l-ebda reat jew kontravenzjoni registrat fuqha. Rat li l-appellant ikkopera bi shih mal-prosekuzzjoni stant li svela s-sors minn fejn kien akkwista d-dokument falz. Rat li fil-fatt kien irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta appuntata ghas-smiegh tal-kawza u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tnaqqas il-piena ta' prigunerija b'sena. Hija tal-fehma li piena karcerarja ghandha dejjem tinghata f'reati bhala dawn jekk irridu niehdu hsieb l-istabbilita tal-pajjiz u inkomplu insahhu ir-reputazzjoni tal-pajjiz mal-pajjiz esteri. Minkejja li din il-Qorti ma hiex tal-fehma li bhala regola tbiddel pieni imposti mill-ewwel Qorti meta jkun hemm ammissjoni registrata f'dan il-kaz stante li huwa kaz wiehed isolat li jaffettwa biss lill-appellant odjern thoss li l-piena inflitta kienet fil-fatt eccessiva.

Għaldaqstant filwaqt li din il-Qorti tikkonferma l-ewwel sentenza fir-rigward ta' ħtija qegħda tirrevokaha fir-rigward tal-piena imposta b'dan illi minflok it-tlett snin priġunerija qegħda timponi sentenza ta' priġunerija effettiva ta' sentejn.

Consuelo-Pillar Scerri Herrera
Imħallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur